MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 898/2008

**Dione Baldacchino u Emily Baldacchino detenturi tal-karti ta’ identita’ numru 758756 (M) u 789259 (M) rispettivament**

**vs**

**Kristine Bonnici (detentrici tal-karta ta’ identita’ numru 79569 M) personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Projects of Distinction Limited (C32251)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsuhom is-somma ta’ elfejn disgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt centezmi (€2,994.06) dovuta minnhom bhala rifuzjoni ta’ bilanc ta’ despozitu moghti lill-konvenuti fuq kuntratt ta’ appalt li gie rexxiss bonarjament minhabba inadempjenza tal-konvenuti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta’ Awissu, 2008, u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija intempestiva u giet intavolata inutilment stante illi l-konvenuti ma gewx interpellati gudizzjarjament ghar-refuzjoni tas-somma *de quo*; illi, preliminarjament ukoll, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenuta Kristine Bonnici mhijiex il-legittimu kontradittur peress illi hija qatt ma kkontrattat ma’ l-atturi fil-kwalita’ personali taghha u ghandha, ghaldaqstant, tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi; illi preliminarjament, u wkoll in vista tat-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, it-talba attrici hekk kif dedotta fir-rikors promotur u senjatament dik illi “...*dana t-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti* ***solidalment bejniethom*** *ihallsuhom is-somma ta’...”* ma tistax tintlaqa’ u dana kif ser jirrizulta mill-provi li ser jigu prodotti; illi fil-mertu u in ogni kaz minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ konvenuta Projects of Distinction Limited tikkontesta l-ammont mitlub mill-atturi fir-rikors promotur stante illi dan huwa eccessiv; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta Projects of Distinction Limited lill-atturi ghandu jigi pacut ma’ dak l-ammont illi, kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, huwa dovut mill-atturi lis-socjeta’ konvenuta ghal xoghol maghmul fuq struzzjonijiet ta’ l-atturi, jew min minnhom; Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Illi in forza ta’ din l-azzjoni l-atturi qed jitolbu hlas, anzi refuzjoni ta’ depozitu mhallas minnhom lis-socjeta’ Projects of Distinction Limited, liema depozitu thallas akkont ta’ prezz miftiehem bejn il-partijiet relattiv ghal ftehim ta’ appalt datat 16 ta’ Settembru, 2004. Illi rrizulta illi x-xoghol miftiehem ma sarx, u ghalkemm mid-deposizzjoni li nghatat mill-partijiet ma qablux bejniethom dwar ir-raguni ghalfejn ix-xoghol miftiehem ma giex imwettaq, irrizulta sodisfacentement illi dan ma sarx mis-socjeta’ konveuta, ghalkemm seta’ sar minn terzi.

Illi l-atturi jsostnu illi gialadrba dan il-hlas minnhom gie mwettaq akkont tal-prezz miftiehem, allura huma ghandhom ikunu intitolat ghar-refuzjoni ta’ dak l-ammont ladarba gie accettat bi qbil bejn il-partijiet illi l-ftehim ta’ appalt jigi terminat.

Illi l-konvenuta da parti taghha ssostni illi, ghalkemm huwa minnu li d-depozitu msemmi thallas akkont tal-prezz, u ladarba x-xoghol miftiehem ma sarx, allura ghandu jkun hemm refuzjoni ta’ dik is-somma hekk imhallsa; madanakollu, ssostni wkoll illi (i) tali refuzjoni ghandu jigi mwettaq mis-socjeta’ *Projects of Distinction Limited*, li hija rapprezentata mill-istess konvenuta, u mhux mill-konvenuta personalment, u (ii) tali refuzjoni ssir wara li jinqatghu spejjez illi kienu dovuti lis-socjeta’ konvenuta ghal servizzi ohra rezi minnha fuq inkarigu tal-atturi.

Ikkunsidra,

Illi in forza tar-risposta tal-konvenuta gie dikjarat illi l-azzjoni hija intempestiva stante illi l-konvenuta kienet ghadha ma gietx interpellata gudizzjarjament sabiex tirrifondi s-somma mitluba; illi l-istess konvenuta tghaddi sabiex tiddikjara illi parti mill-ammont reklamat mhux dovut mis-socjeta’ konvenuta ghaliex hemm pendenzi mal-istess socjeta’ konvenuta li ghandhom jigu saldati mill-ammont mitlub mill-atturi, u li kien ghalhekk illi ma thallasx lura l-bilanc lill-atturi.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi kien hemm relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet li kienet ilha tezisti

ghal diversi snin, u fil-fatt il-konvenuta kienet anke ghamlet xoghol ghall-atturi meta kienet impjegata bhala *designer* ma' socjeta' ohra, li kienet irregistrata bl-isem *Distinct Conversions Limited*. Illi l-konvenuta ddikjarat ukoll illi ghalkemm kienu rrizultaw cirkostanzi li per konsegwenza taghhom ix-xoghol miftiehem ma setax jigi mwettaq mis-socjeta' konvenuta, madanakollu, l-istess atturi – senjatament l-attrici – baqghet f'kuntatt mal-konvenuta, titlobha xi pariri u disinji, sabiex seta' jsir u jigi attwat ix-xoghol minn terzi. Illi l-konvenuta ssostni illi dwar dan ix-xoghol adizzjonali – jekk wiehed jista' jiddeskrivih bhala tali, in kwantu dan ix-xoghol ma kienx kopert bil-ftehim ta' appalt tas-16 ta' Settembru, 2004 – l-atturi kienu talbu lill-konvenuta sabiex tindikalhom ir-rati li kienet ser tapplika ghal dan ix-xoghol ta' konsultazzjoni li kienu qed jitolbuha, jew somma kumplessiva sabiex jigi attwat ix-xoghol. Illi da parti taghha l-konvenuta pprezentat diversi fatturi relattivi ghal dan ix-xoghol ulterjuri li giet mitluba li taghmel fuq inkarigu tal-atturi, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti li jinsabu a fol. 103 sa 106 tal-atti.

Illi dwar dawn il-fatturi rilaxxjati mis-socjeta' konvenuta u li fihom hemm indikat ukoll l-isem personali tal-istess konvenuta, u li minnhom jirrizulta illi l-konvenuta wettqet diversi *site meetings* fix-xhur ta' Awissu sa Novembru 2007, l-atturi ma ressqu ebda oggezzjoni jew kontestazzjoni sabiex jichdu li dawn il-*meetings* effettivament saru, u li ghalhekk l-ammonti hemm mitluba ghal dawn il-*meetings* m'humiex dovuti. Illi gialadarba mhux ikkontestat illi dawn is-servizzi gew imwettqa mill-istess socjeta' konvenuta li rceviet id-depozitu, allura b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1196 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dan l-ammont ghandu jinqata' mill-ammont li huwa dovut lill-atturi. Illi minn tali dokumenti jirrizulta illi huwa dovut l-ammont kumplessiv ta' disa' mija u hames Ewro u tmienja u sittin centezmu (€905.68) mill-atturi lis-socjeta' konvenuta, u liema ammont allura ghandu jkun hemm tpacija tieghu *in parte* mal-ammont dovut lill-atturi.

Illi l-atturi pproponew din l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuta f'isimha personali, kif ukoll ghan-nom tas-

socjeta' konvenuta, *Projects of Distinction Limited*. Illi ghalkemm ma gewipprezentati ebda dokumenti ufficjali, gie dikjarat mill-konvenuta illi hi l-unika direttur ta' din is-socjeta' kummercjali. Illi l-istess konvenuta tiddikjara illi qatt ma sar ebda ftehim kummercjali bejn l-atturi maghha, fil-kapacita' personali taghha, u tispjega illi kwalunkwe trattattivi u ftehim mal-atturi sar inizjalment meta kienet impjegata ma' socjeta' kummercjali ohra, filwaqt illi eventwalment il-ftehim ta' appalt in kwistjoni – u dwar liema ftehim gie mwettaq il-hlas ta' depozitu – gie ffirmat minnha fil-kapacita' taghha ta' direttur tas-socjeta' Projects of Distinction Limited.
Illi f'dan ir-rigward, it-Tribunal huwa tal-fehma illi jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenuta ffirmat dan il-ftehim ta' appalt ghan-nom tas-socjeta' *Projects of Distinction Limited* (*vide* l-komparenti li deheru fuq l-iskrittura a fol. 85), u l-hlas tad-depozitu gie mwettaq a bazi tal-iskeda mehmuza mal-istess ftehim, liema skeda, li giet indikata bhala "Schedule AA" tinsab a fol. 98, u kienet mehmuza mal-istess skrittura. Illi anke meta kien hemm rikonoxximent, permezz ta' ittra datata 1 ta' Frar, 2006 (a fol. 48 tal-atti) dwar il-fatt illi l-konvenuta kienet qedha zzomm flus dovuti lill-atturi, tali dikjarazzjoni saret mill-konvenuta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, u dan fis-sens illi kienet l-istess socjeta' konvenuta li kienet qedha tiddetjeni dawn il-flus.

Illi l-atti u dokumenti li gew ipprezentati mill-partijiet jistghu jwasslu ghal xi ftit ta' konfuzjoni dwar minn min huwa dovut l-ammont li l-atturi qed jitolbu refuzjoni tieghu, u cioe' jekk hux mill-konvenuta personalment jew mis-socjeta' li tirraprezenta, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi parti mill-ammont dovut lill-atturi thallas lura permezz ta' cheque datat 3 ta' Settembru, 2008 iffirmat mill-konvenuta (a fol. 135), liema ammont thallas, pero', minn akkont bankarju intestat lill-konvenuta personali flimkien ma' Chris Cachia, li xehed ukoll f'dawn il-proceduri, u li kien ukoll id-direttur tas-socjeta' *Distinct Conversions Limited*, ma' min kienet impjegata inizzjalment il-konvenuta. Illi a bazi ta' hekk l-atturi qed isostnu illi seta' sar xi ftehim mal-konvenuta fil-kapacita' personali taghha, u li ghalhekk ghandha tigi ritenuta responsabbli solidalment flimkien

mas-socjeta’ li taghha hija direttur, ghar-refuzjoni tal-bilanc dovut lill-istess atturi.

Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma’ din it-tezi tal-atturi, stante illi kif gie indikat aktar ‘l fuq, il-ftehim ta’ appalt sar bejn l-atturi u s-socjeta’ *Projects of Distinction Limited*, oltre illi kienet din l-istess socjeta’ konvenuta li rrikonoxxit li kellha debitu mal-atturi.  Illi oltre dan, u f’dak li jirrigwarda l-ammonti dovuti ghal servizzi ulterjuri rezi mis-socjeta’ konvenuta a favur l-atturi, dawn is-servizzi inharget fattura ghalihom mill-istess socjeta’ konvenuta, u ghalhekk l-ammont reklamat dovut mill-atturi, kien dovut lis-socjeta’ konvenuta u mhux lill-konvenuta personalment.

Illi fid-dawl ta’ tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba tal-atturi *in parte*, u dan fl-ammont ta’ elfejn tmienja u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,088.38), limitatament fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta *Projects of Distinction Limited*, filwaqt illi jillibera lill-konvenuta’, fil-kwalita’ u kapacita’ personali taghha, mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuta li l-istess konvenuta, fil-kwalita’ personali taghha, m’hix il-legittimu kontradittur, u ghalhekk jillibera lill-Kristine Bonnici personlament mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa’ t-talba tal-atturi *in parte*, u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta *Projects of Distinction Limited* thallas lill-atturi s-somma ta’ elfejn tmienja u tmenin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,088.38), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta’ konvenuta u in kwantu ghal terz mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------